Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Frar 2026**
**(OR. en)**

**5733/1/26**
**REV 1**

**ECOFIN 90**
**UEM 46**
**INDEF 54**
***ECB***
***EIB***

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL Li tippermetti lill-Awstrija tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali) |

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**Li tippermetti lill-Awstrija tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263**
**(Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

[1] ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali, flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1467/97 emendat dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' deficit eċċessiv[2], u mad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE emendata dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri[3] huma l-elementi ewlenin tal-qafas riformat tal-governanza ekonomika tal-UE. Il-qafas għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, u tkabbir sostenibbli u inkluživ u r-reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, u li jipprevjeni defiċits eċċessivi tal-gvern. Jippromwovi s-sjieda nazzjonali u l-fokus jinsab fuq it-terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti tar-regoli.

(2) Ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stipulati f'rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikoli 17(1), 19 jew 20 tar-Regolament (UE) 2024/1263 huma r-referenza operazzjonali unika għas-sorveljanza fiskali annwali ta' kull Stat Membru u huma fiċ-ċentru tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika. Ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stipulati f'dik ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill jistabbilixxu restrizzjoni baġitarja għal erba' jew ħames snin, li hija bbażata fuq perjodu ta' aġġustament ta' erba' snin li jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' mhux iktar minn tliet snin.

---

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' deficit eċċessiv (ĠU L, 209, 2.8.1997, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30).

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/85/2024-04-30).

(3) Il-qafas jipprevedi flessibbiltà fl-applikazzjoni tar-regoli fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jkunux fil-kontroll tal-Istati Membri u li għandhom impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi, f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1263. Fil-każ tal-aħħar, wara talba minn Stat Membru u fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni bbażata fuq l-analiżi tagħha, fi żmien erba' ġimgħat mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jadotta rakkomandazzjoni li tippermetti lil Stat Membru jiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta tiegħu kif stabbiliti mill-Kunsill, meta (i) ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-Istat Membru, (ii) ikollhom impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat, u (iii) dment li tali devjazzjoni ma tkunx ta' periklu għas-sostenibbiltà fiskali fuq it-terminu medju. Il-Kunsill għandu jispeċifika limitu ta' żmien għal tali devjazzjoni.

(4) Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE, li ltaqgħu f'Versailles fl-10 u l-11 ta' Marzu 2022, impenjaw ruħhom li jsaħħu l-mezzi Ewropej tad-difiża minħabba l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn l-għanijiet ġew imtennija fil-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża. Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar id-difiża Ewropea tas-6 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrakkomanda l-attivazzjoni, b'mod koordinat, tal-klawżola liberatorja nazzjonali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir bħala miżura immedjata.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2025[4], il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri kollha jagħmlu użu mill-flessibbiltà prevista fil-klawżola liberatorja nazzjonali b'mod koordinat bil-ħsieb li jimmassimizzaw l-impatt fuq il-mezzi tad-difiża tal-UE. Din il-flessibbiltà għandha l-għan li tiffaċilita t-tranżizzjoni għal livelli ogħla ta' nfiq fid-difiża dment li ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju. Dik il-Komunikazzjoni tispjega li l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tippermetti lill-Istati Membri jiddevjaw mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill meta jiġu approvati l-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju jew meta jiġu stabbiliti l-perkorsi korrettivi skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, sakemm id-devjazzjoni tkun iġġustifikata minn żieda tal-infiq fid-difiża meta mqabbel mas-sena ta' referenza, u li l-eċċess annwali sal-2028 ma jaqbiżx il-1.5 % tal-PDG. Żidiet lil hinn minn dak l-ammont ikunu soġġetti għall-valutazzjonijiet normali tal-konformità. Dan il-limitu massimu huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sostenibbiltà fiskali ma tiġix ipperikolata, filwaqt li l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-flessibbiltà hekk kif jimxu lejn livell ogħla ta' nefqa fid-difiża. L-ammonti eżatti ser jiġu ddeterminati meta d-data tal-eżitu ssir disponibbli, biex jiġi żgurat li l-flessibbiltà addizzjonali tintuża biss għall-iskop maħsub.

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (C(2025) 2000 final) tad-19 ta' Marzu 2025.

(6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025[5] approvat il-perkors tan-nefqa netta tal-Awstrija. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE adottata fl-istess jum[6] stabbiliet perkors korrettiv għall-Awstrija biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv, bl-istess rati massimi ta' tkabbir annwali u kumulattivi tan-nefqa netta. Il-flessibbiltà provduta mill-klawżola liberatorja nazzjonali ser titqies ukoll fl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, u meta jiġi vvalutat jekk l-Awstrija ħaditx azzjoni effettiva. Għalhekk, sal-2028, il-perkors tan-nefqa netta korrettiva stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, fl-Artikolu 126(7), tat-8 ta' Lulju 2025 huwa kkomplementat mill-flessibbiltà li hija permessa miż-żieda tan-nefqa fid-difiża[7] skont il-klawżola liberatorja nazzjonali.

(7) Fil-11 ta' Diċembru 2025, l-Awstrija ressqet talba lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, biex tattiva l-klawżola liberatorja nazzjonali.

(8) Fit-talba tagħha, l-Awstrija tistipula li, f'kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi akbar, il-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-theddida tagħha għas-sigurtà Ewropea jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni, li tirrikjedi żieda konsiderevoli fl-infiq fid-difiża. Din hija sitwazzjoni eċċezzjonali barra mill-kontroll ta' kull Stat Membru. Speċifikament, l-Awstrija tissottolinja x-xiri ta' tagħmir militari fl-2025 minħabba d-deterjorament tas-sitwazzjoni ġeopolitika matul is-sena. Fid-dawl ta' dan, l-Awstrija qed titlob l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali għall-perjodu mill-2025 sal-2028, f'konformità mal-Istati Membri l-oħra li għalihom il-Kunsill diġà attiva l-klawżola liberatorja nazzjonali għad-difiża.

---

5 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Awstrija (ĠU C, C/2025/3958, 20.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3958/oj).

6 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Awstrija. Id-dokumenti kollha marbuta mal-PDE għall-Awstrija jinsabu hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/austria_en.

7 Nefqa fid-difiża ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif definita fil-Klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG02).

(9) Fit-talba tagħha, l-Awstrija tirrapporta data dwar in-nefqa totali fid-difiża sal-2026 (it-Tabella 1). Barra minn hekk, l-Awstrija biħsiebha tissalvagwardja l-mezzi tad-difiża fit-tul tagħha anke wara l-2026. Għalhekk, iż-żieda tan-nefqa fid-difiża għandha impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Awstrija.

**Tabella 1: Infiq totali fid-difiża fl-Awstrija**

| | 2021 a | 2022 a | 2023 a | 2024 a | 2025 b | 2026 b |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa totali fid-difiża tal-gvern ġenerali (% tal-PDG) | 0.6 | 0.6 | 0.6 | 0.7 | 0.8 | 1.0 |

*Sors*: a: Eurostat; b: Informazzjoni mogħtija lill-Kunsill u lill-Kummissjoni mill-Awstrija.

(10) L-Awstrija tistma li ż-żieda tan-nefqa totali fid-difiża bħala proporzjon mal-PDG mill-2021 sal-2025 kienet ta' madwar 0,2 punt perċentwali u għalhekk tikkontribwixxi għad-deterjorament tal-bilanċ tal-gvern u għaż-żieda tad-dejn tal-gvern.

(11) Jekk il-kundizzjonijiet l-oħra jibqgħu l-istess, żieda tan-nefqa matul il-perjodu kopert mill-klawżola liberatorja nazzjonali ser twassal għal dejn ogħla tal-gvern u għal defiċit ogħla sa tmiem dak il-perjodu. Il-projezzjonijiet indikattivi mmexxija mill-Kummissjoni u bis-suppożizzjoni, sal-2028, ta' adozzjoni lineari taż-żieda sħiħa fin-nefqa tal-gvern permessa minn din ir-rakkomandazzjoni jissuġġerixxu li l-proporzjon tad-defiċit mal-PDG u l-proporzjon tad-dejn għall-PDG fl-2028 ikunu 1,2 pps. u 1,7 pps. ogħla, rispettivament, milli kieku n-nefqa netta tikber f'konformità mal-perkors stabbilit mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill C/2025/3958. Dan x'aktarx ikun jeħtieġ aġġustament fiskali addizzjonali wara l-perjodu ta' attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-qafas fiskali, inkluż biex jiġi żgurat li l-proporzjon tad-dejn jitqiegħed jew jibqa' fuq perkors ta' tnaqqis plawżibbli, jew jibqa' f'livelli prudenti taħt is-60 % tal-PDG fuq terminu medju u li d-defiċit jibqa' jew jinġieb taħt it-3 % tal-PDG u jinżamm taħt il-valur referenzjarju fuq terminu medju. L-Awstrija tirrikonoxxi li, 'il quddiem, nefqa strutturali ogħla fid-difiża tista' tirrikjedi politiki li jippreservaw is-sostenibbiltà fiskali u l-konformità mar-regoli fiskali fuq terminu medju. Iż-żieda limitata projettata fil-livelli tad-defiċit u tad-dejn ikkawżata mill-klawżola liberatorja nazzjonali, flimkien mal-impenn tal-Awstrija li timplimenta l-aġġustament meħtieġ biex tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-qafas fiskali fil-pjan li jmiss, jiżguraw li s-sostenibbiltà fiskali tiġi ppreservata fuq terminu medju.

(12) Id-data dwar in-nefqa fid-difiża tal-gvern ġenerali tinġabar u tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u mill-Eurostat skont il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG)[8] fil-qafas tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali (ESA2010)[9]. Din id-data hija xierqa biex jiġi vvalutat l-impatt tal-infiq fid-difiża fuq id-deficit, id-dejn u n-nefqa netta tal-gvern, u kunċetti relatati. Il-Eurostat, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, qed jistabbilixxi proċess ta' ġbir ta' data. Il-proċess tal-ġbir ta' data jeħtieġ li jiġi allinjat mar-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 479/2009[10].

(13) Barra minn hekk, xi wħud mill-kuntratti għal tagħmir militari ffirmati matul il-perjodu ta' attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali jistgħu jinvolvu konsenji fi stadju aktar tard, u b'hekk ikollhom impatt fuq il-finanzi pubbliċi biss wara l-perjodu ta' attivazzjoni tal-klawżola. Biex tiġi indirizzata din l-eventwalità, jenħtieġ li l-flessibbiltà mogħtija skont il-klawżola liberatorja nazzjonali tapplika wkoll għan-nefqa fid-difiża marbuta ma' tali konsenja aktar tard, dment li l-kuntratti korrispondenti jkunu ġew iffirmati matul il-perjodu ta' attivazzjoni tal-klawżola u li dan l-infiq ittardjat fid-difiża jibqa' fil-limitu ġenerali msemmi.

---

8 Manwal dwar is-sorsi u l-metodi għall-kompilazzjoni tal-istatistika tal-COFOG – Klassifikazzjoni tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG) – edizzjoni tal-2019.

9 Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea(ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

10 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).

(14) In-nefqa ffinanzjata mis-self ipprovdut skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża[11], ser tibbenefika awtomatikament mill-flessibbiltà msemmija hawn fuq. Għal dan l-għan, l-Istati Membri jirrappurtaw lill-Eurostat in-nefqiet kollha relatati mad-difiża, li jsiru fil-qafas tal-Istrument SAFE, taħt il-kategoriji "prodotti tad-difiża" u "prodotti oħra għal finijiet tad-difiża" kif definiti fil-proposta għal Regolament (UE) 2025/1106.

(15) Din ir-rakkomandazzjoni ma timmodifikax id-definizzjonijiet ta' defiċit, dejn u nefqa netta tal-gvern, u kunċetti relatati. Id-data bbażata fuq dawn il-kunċetti għandha tiġi kkompilata u rrappurtata mill-Awstrija f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1263, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 u r-Regolament (UE) Nru 549/2013.

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (ĠU L 2025/1106, 28.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1106/oj).

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

1. Matul il-perjodu 2025-2028, l-Awstrija titħalla tiddevja minn, u taqbeż, ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill C/2025/3958 sa fejn in-nefqa netta li taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir ma tkunx aktar minn:

   (i) iż-żieda tan-nefqa fid-difiża f'perċentwal tal-PDG mill-2021;

   (ii) dment li d-devjazzjoni li taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta ma taqbiżx il-1,5 % tal-PDG.

2. Fis-snin wara l-2028, l-Awstrija xorta tista' tiddevja minn, u taqbeż, ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti minn Rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 17, 19 jew 20 tar-Regolament (UE) 2024/1263, sa fejn in-nefqa netta li taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir tkun relatata mal-konsenji ta' tagħmir militari kkuntrattat qabel tmiem l- 2028 u tibqa' fil-limitu massimu kumplessiv imsemmi hawn fuq.

3. F'konformità mal-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) 2024/1263, id-devjazzjonijiet mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill li huma permessi b'din ir-Rakkomandazzjoni mhux ser jiġu rreġistrati bħala debiti fil-kont ta' kontroll tal-Awstrija.

4. Sabiex tiġi żgurata r-reġistrazzjoni korretta tan-nefqa addizzjonali, l-Awstrija għandha tinkludi data attwali u ppjanata dwar in-nefqa totali fid-difiża (id-diviżjoni 02 tal-COFOG), inkluż l-investiment fid-difiża (id-diviżjoni 02 P.51 tal-COFOG) u kwalunkwe nefqa li għandha tiġi ffinanzjata mis-self SAFE li mhix koperta fil-COFOG-02:

a) għas-snin T-4, T-3, T-2 u T-1 (fejn is-sena T hija s-sena kurrenti) fir-rappurtar lill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 479/2009;

b) għas-snin mill-2021 sas-sena T (is-sena kurrenti), fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u fir-rapporti ta' progress annwali f'konformità mal-Artikoli 11(1), 15 u 21(1) tar-Regolament (UE) 2024/1263;

c) għas-snin T (is-sena attwali) u T+1 fl-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12].

Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Awstrija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).